MALTA

# **QORTI** KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**

**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Numru 23/2013

Ir-**Repubbblika ta' Malta**

**Kontra**

**Angelus Vella ta' 59 sena, iben Anthony u**

**Marianne nee Xuereb, imwieled Ħal-Tarxien,**

**fit-13 t'Awwissu 1953 u residenti Blk 7 Flat 14**

**Triq il-Ġdida limiti ta' Bormla, detentur**

**tal-karta tal-identita' bin-numru 573953 (M);**

**u**

**Jason Said ta' 40 sena, iben Michael u**

**Emanuela nee Sciberras, imwieled tal-Pieta’**

**Fis-16 ta’Ġunju 1973, residenti Block A1,**

**Flat 2, Fgura Housing Estate, limiti tal-**

**Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru**

**378573(M)**

Il-Qorti

Rat l- att tal-akkuza kontra Angelus Vella u Jason Said.

1. Illi fis-sena elfejn u ħamsa (2005), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga kellhom informazzjoni dwar operazzjoni illeċita li kienet qed iseħħ fi xtutna fejn kien hemm xi persuni miftiehma bejniethom u involuti f’importazzjoni ta’ kunsinja konsiderevoli ta’ droga għall-iskop ta’ traffikar. Filfatt f’Ġunju tal-istess sena elfejn u ħamsa (2005) il-pulizija għamlu interċetazzjoni fuq dawn il-persuni fejn effettivament ikkonfermaw l-informazzjoni li kellhom u fost dawn il-persuni involuti irriżulta li kien hemm Angelus Vella u Jason Said qua ko-akkużati f’dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fis-sitta (6) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u matul l-aħħar ġimgħat qabel din id-data, l-akkużati Angelus Vella u Jason Said iddeċidew illi jibdew imexxu u jittraffikaw fid-droga herojina. L-akkużati kienu ftehmu ma’ persuna oħra li kellha tgħaddielhom l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużati jikkonsenjawha lill-persuni oħra f’Malta. Ser jirriżulta mill-provi li in esekużżjoni ta’ dan il-pjan maħsub waqt interċetazzjoni mill-membri tal-iskwadra kontra d-droga li kienet qed issir dakinhar tas-sitta (6) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) l-akkużat Angelus Vella ġie nnutat javviċina l-moll taċ-Ċirkewwa fuq Cabin Cruiser appartenenti lill-istess akkużat bl-isem ta’ reġistrazzjoni *Marcellin* fejn malli wasal ġie nnutat jagħddi basket tat-tip ‘*haversack*’ lill-akkużat Jason Said li kien

wasal fuq il-moll bil-vettura tal-għamla Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD728. Wara din il-manuvra l-istess Jason Said ġie nnutat wieqaf ħdejn vettura oħra tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE968 fejn daħal fiha filwaqt li x-xufier tal-vettura Toyota rikeb fil-Pajero li biha kien ġie fuq il-post l-akkużat Jason Said. B'hekk il-pulizija segwew il-vetturi ikkonċernati fejn f'dik tal-għamla Toyota li kienet misjuqa minn Silvio Buttigieg, li ġie pproċessat separatament mill-ko-akkużati odjerni, instab il-'*haversack*' li kellu fil-pussess tiegħu l-akkużat Jason Said fejn meta din infteħet irriżulta li kien hemm diversi pakketti kbar li kienu ssusspettati li kellhom id-droga herojina ġo fihom. Din is-sustanza kellha tgħaddi f'idejn terża persuna li kienet ser tirċievi l-konsenja tad-droga iżda fortunatament l-akkużati inqabdu mill-pulizija dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija u twaqqfu fi triqthom. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament d-droga herojina fl-ammont ta' madwar seba' kilogrammi (7kg). L-herojina titqies bħala mediċina perikoluża u illegali skond il-Liġi tagħna bil-valur kumplessiv ta' madwar erbat elef tmienja u għoxrin elf sitt mija tmienja u sittin Euro (€428,668).

Illi b'għemlhom l-imsemmija Angelus Vella u Jason Said saru ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmijin Angelus Vella u Jason Said ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkonstitwixxew, organiżżaw jew iffinanżjaw din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u r-regoli 4 u 9 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi

Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

2. Illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fil-ġimgħat ta' qabel u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużati volontarjament u xjentement importaw is-sustanza herojina li tirrapreżenta mediċina perikoluża u sustanza illegali skond il-liġijiet tagħna. Din l-importazzjoni seħħet permezz ta' opra tal-baħar wara li kienu akkwistaw id-droga mingħand terża persuna barra minn xtutna fejn entrambe l-akkużati kellhom il-pussess xjenti ta' basket tat-tip '*haversack*' kontenenti d-droga imsemmija li sussegwentement irriżultat bħala d-droga herojina. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens tal-akkużati stess li kienu ben xjenti dwar dak li kien qed isir u l-iskop tiegħu u tal-kontenut tal-baskett tul il-vjaġġ kollu. Effettivament li kieku l-membri tal-korp tal-Pulizija ma interċettawx dak li kien għaddej, dan il-baskett kienet ser jagħddi f'idejn terzi persuni bi ftehim mal-akkużati, liema persuni faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenza jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtoriżża l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Angelus Vella u Jason Said saru ħatja talli importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Angelus Vella u Jason Said, ħatja talli importaw, ġiegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhomx liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il

elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u r-regola 9 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

3. Illi fl-istess ċirkostanżi li seħħew fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fil-ġimgħat ta' qabel u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel żewġ Kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta wkoll illi l-akkużati volontarjament u xjentement kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina li sussegwentement instabet fil-'*haversack*' li għadda minn id il-ko-akkużat Angelus Vella lill-ko-akkużat l-ieħor Jason Said u li irriżultat wara l-analiżi meħtieġa li kienet tikkonsisti mis-sustanża herojina. Kif ser jirriżulta ampjament mill-provi kienet intenzjonata għal persuni oħra peress li l-imsemmija *haversack* kienet ser tagħddi f'idejn terżi bi ftehim mal-akkużati tramite l-imsemmi Silvio Buttigieg u dan sabiex is-sustanza illegali tiġi traffikata għal skopijiet ta' lukru. Illi fortunatament l-membri tal-Iskwadra kontra d-Droga interċettaw din l-operazzjoni filwaqt opportun u b'hekk l-akkużati ġew arrestati.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtoriżża lill-ko akkużat jew l-ieħor sabiex ifornu, jimportaw, jesportaw, jimmanifatturaw jew jipprokuraw d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilhom, l-imsemmija Angelus Vella u Jason Said saru ħatja talli fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenza jew xort'oħra awtoriżżati li

jimmanifatturaw id-droga msemmija, u miingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Angelus Vella u Jason Said, ħatja talli fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu id-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija ko-akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap 101) u r-regola 4(a) tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija ko-akkużati.

4. Finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, minħabba l-fatt li l-*haversack* in kwistjoni kienet indubjament fil-pussess tal-ko-akkużati u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga herojina u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-ko-akkużati kienu fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużati m'għandhomx problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tagħhom, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. Dan il-fatt joħroġ ċar ukoll mill-ammont ta' droga

misjuba ammontanti għal madwar seba’ kilogrammi (7kg) liema ammont indubjament ma jindikax skop ta’ użu personali.

Anki f’dan il-każ, l-akkużati ma kienux fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni jew liċenża maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom ikollhom fil-pussess tagħhom din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b’għemilu l-imsemmija ko-akkużati Angelus Vella u Jason Said saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma kienux fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort’ oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga ma’ ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tagħhom**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija ko-akkużati Angelus Vella u Jason Said ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina meta ma kienux fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta’ ma’ kienux bil-liċenza jew xort’ oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga li ma’ ġietx fornita lilhom għall-użu tsgħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt

tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tagħhom**; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) kull wieħed u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u r-regola 9 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija ko-akkużati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Angelus Vella u Jason Said prezentata fis- 17 ta' Settembru, 2013 li biha ecceppew :

1. In primis dawn il-proceduri huma monki skont ir-rinviju tal- Avukat Generali tat-22 ta' Novembru, 2010 fejn talab ai termini tal-artikolu 432 (2) tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta il- Qorti kellha tibda il-kumpilazzjoni mill- gdid stante li t-termini msemmija fl-artikolu 401 (1) ma gewx rispettati u minflok ma sar hekk bl- ufficjal prosekutur jikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu u ssir l- ezami mill- gdid l-akukzati sabu ruhhom rinfaccjati bl-Att tal- Akkuza relattiva.

2. Illi in linea preliminari huma jitolbu li l-erba' statements rilaxxjati mill- imputati markati bhala Dok. CSH24, CSH25, CSH26, CSH27 datati tnejn minnhom 7 ta' Gunju, 2005 u tnejn ohra 30 ta' Gunju 2005 jigu sfilzati peress li l- akkuzati ma nghatawx il-fakulta' li jikkomunika ma' avukat;

3. Ix-xhieda li ta l-allura spettur Norbert Ciappara llum Assistent Kummissarju moghtija nhar it-12 ta' Lulju, 2005, ix-xhieda li ta l- assistent kummissarju Paul Debattista nhar il- 11 ta' Frar, 2008, l- allura supretendent Neil Harrison nhar is- 17 ta' Awwissu 2008 tammonta fil-bicca kbira hear say u ghalhekk ghandha tigi sfilzata wkoll;

4. L- akkuzati jitolbu wkoll l-isfilz tad-dokumenti esebiti mill- allura supretendent Harrison nhar is- 17 ta' Marzu, 2008 u appuntu dok. NHP1 sa NHP9 stante li dawn id-dokumenti ma gewx redatti minnu izda gew moghtija lilu minn terza persuna allegatament mll- MSS u b' hekk l- akkuzati ma setghu jaghmlu l- ebda kontroll

fuqhom u dan ix-xhud ma setax jikkonferma la l-veracita' taghhom u lanqas il-kontenut taghhom stante li la ma kienx x-xhud li ghamel dan l-ezercizzju hemm imsemmi;

5. Jinghad li d-digriet tal- Magistrat tal-Ghassa l- allura Magistrat Abigail Lofaro tas-6 ta' Gunju, 2005 ma kienx jipprovdi x' kellu jaghmel l- espert Dr Martin Bajada. Fid-digriet hemm imnizzel biss li gie nominat bhala espert tal-informatika pero' x' kien l- inkarigu tieghu ma jirrizultax mill-atti. Huwa biss dan l-espert li ddecieda x' kien l-inkarigu tieghu meta fil-preliminari tar-rapport tieghu prezentat fit-tieni volum kiteb li kien gie nominat sabiex *jezamina l- knotenut tac-cellulari, is- SIM cards u GP's*. Din l- allegat nomina pero' hija waha fallaci u ma tirrizultax mid-digriet tan-nomina tieghu. In oltre u subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku Martin Bajada ghandha tigi sfilzata peress illi tali xhud ma ghandux dik is-sengha specjali u teknika fil- qasam tat-teknologija w ghalhekk in-nomina tieghu ma saritx skont id-disposizzjoni tal-artikolu 650 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (vide Ir-Repubblika ta' Malta vs Kenneth Ellul, deciza fid- 29 ta' April, 2013).

6. Jinghad li d-digriet tal- Magistrat tal-Ghassa l- allura Magistrat Abigail Lofaro tas-6 ta' Gunju 2005 ma kienx jipprovdi x' kellu jaghmel l-espert Joseph Zammit hemm imnizzel biss li gie nominat bhala espert tekniku pero' x' kien l-inkarigu tieghu ma jirrizultax mill- atti (vide d-digriet tan-nomina). Huwa biss dan l-espert li ddecieda x'kien l-inkarigu tieghu meta fil-preliminari tar-rapport tieghu prezentat fit-tielet volum kiteb li kien gie nominat sabiex *jaghmel indagini necessarji u bil-fakolta' li jisma' x-xhieda bil-gurament jaghmel l-istimi necessarji u jirrelata bil-miktub dwar dak li jirrizulta.* Ghalhekk l-ezercizzju li ghamel dan l- espert sar minghajr ma kien gie awtorizzat il jaghmel hekk u ghalhekk tail relazzjoni ghandha tigi sfilzata. (Vide Repubblika ta' Malta vs Francis Grech deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Settembru 2011);

7. Jinghad li d-digriet tal- magistrat tal- Ghassa l-allura Magistrat abigail Lofaro tas-6 ta' Gunju 2005 ma kienx jipprovdi x' kellu jaghmel l-espert Brigadier Maurice Calleja hemm imnizzel biss li gie nominat bhala espert ballistiku pero' x'kien l-inkarigu tieghu ma jirrizultax mill-atti (vide d-digriet tan-nomina). Huwa biss dan l-espert li ddecieda x'kien l-inkarigu tieghu meta fil-preliminari tar-rapport tieghu prezentat fit-tieni volum kiteb li kien gie nominat sabiex *jezamina u jirrelata dwar incident ta sparar b' armitan-nar mill-Pulizija fis-6 ta' Gunju 2005 ghal habta tas-1.30pm waqt li dawn kienu qed isegwu vettura li kienet qed iggorr ammont sostanzjali ta' droga*. Ghalhekk l- ezercizzju li ghamel dan l-espert u cioe' li sema' x-xhieda sar minghajr ma kien gie awtorizzat li jaghmel hekk u ghalhekk tali relazzjoni ghandha tigi sfilzata. (Vide Pol vs Ludwig Micallef deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012);

8. Illi x-xhieda ta' PC 1525 moghtija nhar it-13 ta' Awwissu 2008 ghandha tigi sfilzata u dan ghaliex f'din is-seduta dan ix-xhud allegatament kien ipprezenta xi

dokument li gie mmarkat bhala dok. PFS1 liema dokument pero' ma jinstabx inserit f'dan l-inkartament u ghalhekk tali xhieda hija nieqsa mill-prova taghha. (Vol. III);

9. Illi l- akkuzati jaghmlu referenza ghall-verbal tad-Difiza registrat fl-atti nhar it-2 ta' Gunju 2010 u dan sabiex jigu esebiti l-warrants mahruga mill- Ministru sabiex saru dawn it-tappings li saru mill- MSS skont il-ligi u dan sabiex l- akkuzati jirregolaw ruhhom fid-dawl ta' dak li jigi esebit stante li dan il-punt gja gie deciz f' kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet l- Avukat Generali vs Il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta et deciza mill-Prim Awla sede Kostituzzjonali nhar id-9 ta' Dicembru, 2011 JRM fejn dik il- Qorti kienet ordnat l- esebizzjoni tal-istess pero' f'dawn il-proceduri tali talba baqghet ma gietx degretata l- akkuzati jitolbu d-digriet relattiv fuq l- istess talba u l-esibizzjoni tal-warrants;

10. Salv eccezzjonjiet ulterjuri premessa mill-ligi.

**L-Ewwel Eċċezzjoni – Rinviju ta' ħamest ijiem tat-22 ta' Novembru 2010.**

Il-Qorti eżaminat l-atti kollha tal-proċess u reġgħet qrat dak li ssottomettiet il-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni tal-istess eċċezzjoni. Milli att ijirriżulta li, a fol 493, nhar is-6 ta' Jannar 2011, il-Qorti rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-3 ta' Jannar 2011. Mill-verbal tal-istess data jirriżulta li l-uffiċjali prosekuturi qraw u ħalfu l-akkuż, u sar l-eżami tal-imputati.

Jirriżulta wkoll li l-avukat difensur eżenta lill-Qorti u lill-Prosekuzzjoni milli jiġu ripetuti l-proċeduri kollha li diġa' saru inklużi l-preżentata tad-dokumenti u s-smigħ tax-xhieda. Id-difiża ma kkontestatx il-prima facie.

Minn dak li ntqal fil-paragrafi preċedenti jidher li m'hemm xejn irregolari fil-proċeduri u dak kollu li kellu jiġi sanat ġie sanat.

Il-Qorti tifhem li fi proċess voluminuż, id-difiża setgħet ma sabitx dawn id-dettalji.

**Għalhekk, ġaladarba jidher li l-atti huma kollha skont kif titlob il-Liġi, il-Qorti qed tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni.**

**It-Tieni Eċċezzjoni- L-istqarrijiet magħmula mingħajr l-għajnuna tal-Avukat**

Dwar dn il-Qorti ftit għandha xi tgħid.  L-artikoli 658 sa 661 tal-Kodiċi Kriminali għadhom fis-seħħ mingħajr ma sar xi tibdil fihom mill-każ ta' Sladuz versus Turkey 'l hawn. (Novembru 2008).

Iżda barra minn dan il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha 'Charles Steven Muscat versus Avukat Ġenerali' ma sabet xejn ħażin li stqarrija magħmula mill-akkużat mingħajr l-għajnuna tal-avukat tibqa' fil-proċess basta l-ġurija tingħata direzzjonijiet xierqa.

Fuq kollox, il-Qorti eżaminat l-istqarrijiet magħmula mill-akkużati u ma jirriżultax li hemm xi ammissjoni ta' ħtija.

**Għat-tliet raġunijiet mogħtija fil-paragrafi li jiġu immedjatament qabel dan, il-Qorti qed tiċħad din it-tieni eċċezzjoni.**

**It-Tielet Eċċezzjoni – il-hearsay rule.**

Din l-eċċezzjoni hija dwar l-applikazzjoni tal-hearsay rule.  Id-difiża ssottomettiet li t-tliet uffiċjali tal-Pulizija xehdu dwar dak li qalilhom ħadd ieħor u mhux dwar dak li raw jew semgħu huma.

L-ewwelnett m'hemm xejn irregolari li wieħed jixhed bil-ġurament dwar dak li qallu ħadd ieħor. Min jixhed b'dan il-mod qed jikkonferma li jkun sar ċertu diskors lilu. Imbagħad min jiġġudika jrid jara jekk dak li ntqal mix-xhud kienx korroborat jew le mix-xhieda l-oħra li ttella' l-prosekuzzjoni. Hawn il-Qorti sejra tirreferi għal dak li ntqal dwar il-'hearsay rule' fil-kawża 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Azzopardi' tal-24 t'Ottubru, 2011 fejn kien intqal hekk:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

'598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċhad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

Meta xiehda fuq

kliem ħaddieħor

hija ammessa.

Emendat:

XV. 1913.121.

599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta

dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta’ servitu’, ta’ rjieħ ta’ immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’ reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.’

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).

Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellu jixhed il-Prokuratur Legali.

**<u>Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl- istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.</u>**

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:''

'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'

(1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).'[1]

F'dan il-każ ix-xhieda li qed joġġezzjona għalihom l-akkużat huma kollha uffiċjali involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ. Jekk dawn kif jixhdu kif svolġiet l-investigazzjoni, allura bilfors li dawn iridu jgħidu x'qalulhom is-subalterni jew il-kollegi tagħhom biex jispjegaw x'seħħ matul l-istħarriġ pass, pass.

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji u jsegwi l-każistika li għadha kif kienet ċitata, allura jsegwi wkoll li din ix-xhieda m'għandhiex tiġi sfilzata. Anzi, tali xhieda tista' tgħin fl-apprezzament tal-fatti minn min għandu jiġġudika dwarhom.

**Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad din it-tielet eċċezzjoni tal-akkużat**i.

**Ir-raba' eċċezzjoni – Talba għall-isfilz tad-dokumenti esibiti mill-allura Supretendent Neil Harrison fis-17 ta' Marzu, 2008.**

Mill-atti jirriżulta li kien xehed ukoll Godfrey Scicluna tas-Security Services. Dan ix-xhud huwa indikat fil-lista tal-Prosekuzzjoni bħala wieħed mix-xhieda li għandu jixhed matul il-ġuri. (ara fol 8).

Għaldaqstant, id-difiża tista' tagħmel il-mistoqsijiet kollha li tqis li għandha tagħmel lil dan ix-xhud dwar id-dokumenti li kienu ppreżentati mill-allura Supretendent Neil Harrison.

[1] Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali dwar dan il-punt legali.

Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tara li hemm xi raġuni għala dawn id-dokumenti għandhom jiġu sfilzati ġaladarba hemm iċ-ċans kollu li min ġabar id-data jista' jsirlu l-kontro-eżami dwar il-kontenut tagħhom.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-akkużati.**

**Il-Ħames, Is-Sitt u S-Seba' Eċċezzjonijiet. Ħatriet ta' esperti.**

Il-Qorti ser tieħu dawn l-eċċezzjonijiet f'daqqa minħabba li bażikament dawn jittrattaw punt prattikament identiku. Dan huwa jekk id-digriet tal-ħatra kienx ċar biżżejjed dwar l-inkarigu mogħti lil kull wieħed minn dawn l-esperti. L-esperti kienu Dr Martin Bajada, is-Sur Joseph Zammit u l-Brigadier Maurice Calleja.

Fil-fehma tal-Qorti, id-digriet li bih il-Qorti tal-Maġistrati ħatret lil Dr Martin Bajada bħala espert tal-informatika huwa ċar biżżejjed. Il-konklużjoni li wasal għaliha dan l-espert – jiġifieri li huwa kellu 'jeżamina l-kontenut taċ-ċellulari, is-SIM cards u GP's' hija konklużjoni loġika meta wieħed iqis li dan l-espert dejjem jitqabbad biex jagħmel dan ix-xogħol. Skont is-subartikolu (5) tal-artikolu 650,

'Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa'.

F'dan il-każ id-digriet kien ċar biżżejjed dwar id-dmirijiet ta' Dr Martin Bajada.

Dan, bħalma jkunu ċari biżżejjed, meta jinħatru esperti biex issir l-awtopsja jew biex isir l-eżami dwar it-tossikoloġija.

L-istess rimarki jgħoddu għall-ħatra tas-sur Joseph Zammit. Dan ilu jinħatar minn żmien ilu sew bħala espert mekkaniku. Bħala perit ta' din l-esperjenza twila jaf li parti mill-inkarigu huwa li jisma' x-xhieda bil-ġurament. Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta għandek esperti li ilhom jinħatru biex jaqdu ċerti funzjonijiet fissi, m'hemmx għalfejn li l-Maġistrat kull darba jikteb l-istess kliem la ma hemmx dubju dwar x'għandu jagħmel l-espert.

Fl-aħħarnett, jekk fid-digriet ingħad li l-Brigadier Maurice Calleja kien qed jinħatar bħala espert ballistiku, dan kien biżżejjed. L-artikolu 650 tal-Kap 9 ma jikkontempla ebda nullita' jekk fil-ħatra ta' espert ma jkunx hemm 'expressis verbis' li dawn għandu jisma' x-xhieda bil-ġurament.

**Għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi preċedenti, il-Qorti qed tiċħad il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni.**

**It-Tmien Eċċezzjoni**

Id-difiża ssottomettiet li d-dokument PFS1 ma kienx inserit fil-proċess u li għalhekk ix-xhieda ta' PC1525 mogħtija nhar it-13 t'Awwissu, 2008 għandha tkun sfilzata.

L-ewwelnett xhieda m'għandhiex tkun sfilzata għaliex dokument ma jinstabx. Ix-xhieda dejjem għandha tibqa' fil-proċess ukoll jekk id-dokument li jkun allegatament ippreżentat ma jkunx jista' jiġi intraċċat. Jekk id-dokument jibqa' ma jisntabx, allura tkun meħtieġa spjegazzjoni mix-xhud waqt il-ġuri.

Id-difiża għandha raġun dwar li l-allegat dokument ma kienx fil-post fejn suppost, jiġifieri immedjatament wara t-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija minn PC 1525.

Jidher li dan id-dokument ma baqax f’postu minħabba li ma kienx mehmuż sewwa fi proċess li huwa oħxon sew. Filfatt instab propju fil-post fejn indikat il-Prosekuzzjoni matul is-sottomissjonijiet- bejn fol 328 u fol 330.

**Isegwi li l-Qorti qed tiċħad it-tmien eċċezzjoni tal-akkużati.**

**Id-disa’ eċċezzjoni**

Skont Nota ppreżentata fit-30 ta’ Jannar 2014, l-akkużat ċeda d-disa’ eċċezzjoni billi rriżulta li l-warrants tal-aġenziji tas-servizzi tas-sigurta’ ġew esibiti.

**Għaldaqstant il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni ta’ din id-disa’ eċċezzjoni.**

**Konklużjoni**

**Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjonijiet mill-ewwel waħda sat-tmien waħda waqt li mhux qed tieħu konjizzjoni tad-disa’ eċċezzjoni.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------